IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 5.7.2016
COM(2016) 444 final

ANNEX 10

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar l-iffirmar f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada minn naħa l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra

ANNESS III

Skeda tal-Kanada

Noti ta' spjega

1. L-Iskeda tal-Kanada għal dan l-Anness tistabbilixxi:

   (a) noti li jillimitaw jew jikkjarifikaw l-impenji tal-Kanada fir-rigward tal-obbligi deskritti fis-subparagrafi (b) u (c);

   (b) fis-Sezzjoni A, ir-riżervi magħmula mill-Kanada, skont l-Artikoli 13.10.1 u 13.10.2 (Riżervi u eċċezzjonijiet, fir-rigward ta' miżura eżistenti li ma tikkonformax mal-obbligi imposti minn:

      (i) L-Artikolu 13.3 (Trattament Nazzjonali);

      (ii) L-Artikolu 13.4 (Trattament tal-aktar-nazzjon iffavorit);

      (iii) Artikolu XV (Aċċess għas-suq);

      (iv) l-Artikolu 13.7 (Forniment transfruntiera ta' servizzi finanzjarji); jew

      (v) L-Artikolu 13.8 (Il-maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi);

(c) fis-Sezzjoni B, ir-riżervi magħmula mill-Kanada, skont l-Artikolu 13.10.3 (Riżervi u eċċezzjonijiet), għall-miżuri li l-Kanada tista' tadotta jew iżżomm li ma jikkonformawx mal-obbligi imposti mill-Artikoli 13.3 (Trattament nazzjonali), 13.4 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), 13.6 (Aċċess għas-suq), 13.7 (Forniment -transfruntier ta' servizzi finanzjarji,), jew 13.8 (Maniġment superjuri u bordijiet tad-diretturi).

2. Kull riżerva fis-Sezzjoni A tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) **Settur** jirreferi għas-settur ġenerali li fih issir ir-riżerva;

(b) **Sottosettur** jirreferi għas-settur speċifiku li fih issir ir-riżerva;

(c) **Tip ta' Riżerva** jispeċifika l-obbligu msemmi fis-subparagrafu 1(b) li għalih issir ir-riżerva;

(d) **Livell ta' Gvern** jindika l-livell ta' gvern li jżomm il-miżura li għaliha ssir ir-riżerva;

(e) **Miżuri** jidentifika l-liġijiet, regolamenti jew miżuri oħra, kif kwalifikati, fejn indikat, mill-element tad-**Deskrizzjoni**, li għalihom issir ir-riżerva. Miżura msemmija fl-element tal-**Miżuri**:

(i) tfisser il-miżura kif emendata, issoktata jew imġedda mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim; kif ukoll

(ii) tinkludi miżura subordinata adottata jew miżmuma bl-awtorità ta' u konsistenti mal-miżura; kif ukoll

(f) **Deskrizzjoni** tistabbilixxi r-referenzi, jekk ikun hemm, għal-liberalizzazzjoni fid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim skont sezzjonijiet oħra tal-Iskeda tal-Kanada għal dan l-Anness, u l-aspetti mhux- konformi li jifdal tal-miżuri eżistenti li għalihom issir ir-riżerva.

3. Kull riżerva fit-Taqsima B tistabbilixxi l-elementi li ġejjin:

(a) **Settur** jirreferi għas-settur ġenerali li fih issir ir-riżerva;

(b) **Sottosettur** jirreferi għas-settur speċifiku li fih issir ir-riżerva;

(c) **Tip ta' Riżerva** jispeċifika l-obbligu msemmi fis-subparagrafu 1(c) li għalih issir ir-riżerva;

(d) **Livell ta' Gvern** jindika l-livell ta' gvern li jżomm il-miżura li għaliha ssir ir-riżerva; kif ukoll

(e) **Deskrizzjoni** tistabbilixxi l-firxa tas-setturi, sottosetturi, jew attivitajiet koperti bir-riżerva.

4. Fl-interpretazzjoni ta' riżerva fit-Taqsima A, għandhom jiġu kkunsidrati l-elementi kollha tar-riżerva. Riżerva għandha tiġi interpretata fid-dawl tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kapitolu li fl-isfond tagħhom issir ir-riżerva. Sakemm:

(a) l-element tal-**Miżuri** jkun ikkwalifikat b'referenza speċifika fl-element tad-**Dekrizzjoni**, l-element tal-**Miżuri** kkwalifikat b'dan il-mod għandu jirbaħ fuq l-elementi l-oħra kollha; kif ukoll

(b) (b)l-element tal-**Miżuri** ma jkunx ikkwalifikat b'dan il-mod, l-element tal-**Miżuri** għandu jirbaħ fuq l-elementi l-oħra kollha, sakemm kwalunkwe diskrepanza bejn l-element tal-**Miżuri** u l-elementi l-oħra kkunsidrati fit-totalità tagħhom ma tkunx daqshekk sostanzjali u materjali li ma jkunx raġonevoli li wieħed jikkonkludi li għandu jirbaħ l-element tal-**Miżuri**, f'liema każ għandhom jirbħu l-elementi l-oħra sal-livell ta' dik id-diskrepanza.

5. Fl-interpretazzjoni ta' riżerva fis-Sezzjoni B, għandhom jiġu kkunsidrati l-elementi kollha tar-riżerva. L-element tad-**Deskrizzjoni** għandu jirbaħ fuq l-elementi l-oħra kollha.

6. Fejn il-Kanada żżomm miżura li teħtieġ li fornitur ta' servizz ikun ċittadin, resident permanenti, jew resident tat-territorju tagħha bħala kundizzjoni għall-forniment ta' servizz fit-territorju tagħha, riżerva għal dik il-miżura magħmula fir-rigward tal-Artikoli 13.3 (Trattament nazzjonali-), 13.4 (Trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit), 13.6 (Aċċess għas-suq), 13.7 (Forniment trans-fruntiera ta' servizzi finanzjarji), u 13.8 (Il-maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi), għandha topera bħala riżerva fir-rigward tal-Artikoli 8.4 (Aċċess għas-suq), 8.5 (Rekwiżiti ta' prestazzjoni), 8.6 (Trattament nazzjonali), 8.7 (Trattament tan-nazzjon -l-aktar iffavorit), u 8.8 (Il-maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi) sal-punt ta' dik il-miżura.

7. 7.Riżerva għal miżura li teħtieġ li fornitur ta' servizz ikun persuna fiżika, ċittadin, resident permanenti, jew resident tat-territorju tagħha bħala kundizzjoni għall-forniment ta' servizz finanzjarju fit-territorju tagħha, magħmula fir-rigward tal-Artikolu 13.7 (Forniment transfruntiera- ta' servizzi finanzjarji), għandha topera bħala riżerva fir-rigward tal-Artikoli 13.3 (Trattament nazzjonali), 13.4 (Trattament tan-nazzjon- l-aktar iffavorit-), 13.6 (Aċċess għas-suq) , u 13.8 (Il-maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi), sal-punt ta' dik il-miżura.

Noti

1. L-impenji skont dan il-Ftehim, fis-sottosetturi elenkati f'din l-Iskeda, jitwettqu soġġett għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawn in-noti u fl-Iskeda ta' hawn taħt.

2. L-elenkar ta' miżura bħala riżerva fis-Sezzjoni A jew B ma jfissirx li din ma tistax tiġi ġustifikata bħala miżura adottata jew miżmuma għal raġunijiet prudenzjali skont l-Artikolu 13.16 (Konċessjoni prudenzjali).

3. Sabiex jiġi kkjarifikat l-impenn tal-Kanada fir-rigward tal-Artikolu 13.6 (Aċċess għas-suq), persuni ġuridiċi li jipprovdu servizzi finanzjarji u li huma kostitwiti skont il-liġijiet tal-Kanada huma soġġetti għal limitazzjonijiet mhux- diskriminatorji fuq il-forma ġuridika1.

4. L-Artikolu 13.10.1(c) (Riżervi u eċċezzjonijiet) m'għandux japplika għal miżuri mhux- konformi relatati mal-Artikolu 13.6.1(b) (Aċċess għas-suq).

[1] Pereżempju, is-sħubijiet u l-impriżi individwali b'responsabbiltà limitata jew illimitata ġeneralment mhumiex forom ġuridiċi aċċettabbli għall-istituzzjonijiet finanzjarji fil-Kanada. Din in-nota mhijiex fiha nnifisha maħsuba sabiex taffettwa, jew inkella lillimita, l-għażla minn investitur tal-Parti l-oħra bejn fergħat jew sussidjarji.

Skeda tal-Kanada

SEZZJONI A

Riżervi applikabbli fil-Kanada

(applikabbli fil-Provinċji u t-Territorji kollha)

Riżerva IIIA-C-1

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Kollha
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Il-maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	*Bank Act*, S.C. 1991, c.46, ss. 159, 749 *Insurance Companies Act*, S.C. 1991, c. 47, ss. 167, 796 *Trust and Loan Companies Act*, S.C. 1991, c. 45, s. 163 *Foreign Institutions Subject to the Canadian Residency Requirements Regulations (Insurance Companies)*, S.O.R./2003-185 *Foreign Institutions Subject to the Canadian Residency Requirements Regulations (Trust and Loan Companies)*, S.O.R./2003-186 *Cooperative Credit Associations Act*, S.C. 1991, c. 48, s. 169

Deskrizzjoni:

Minimu ta' nofs id-diretturi ta' istituzzjoni finanzjarja regolata- b'mod federali li tkun sussidjarja ta' istituzzjoni barranija, u maġġoranza tad-diretturi ta' kwalunkwe istituzzjoni finanzjarja oħra regolata -b'mod federali jridu jkunu ċittadini Kanadiżi normalment residenti fil-Kanada jew residenti permanenti normalment residenti fil-Kanada[2].

[2] Għal ċertezza akbar, kumpanija azzjonarja stabbilita skont il-liġi domestika federali hija istituzzjoni finanzjarja għall-finijiet tal-Artikolu 13.1.

Riżerva IIIA-C-2

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	*Bank Act*, S.C. 1991, c.46, s. 524

Deskrizzjoni:

Sabiex jistabbilixxi fergħa ta' bank, bank barrani jrid ikun bank fil-ġurisdizzjoni li huwa jkun inkorporat skont il-liġijiet tagħha.

Riżerva IIIA-C-3

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	*Bank Act*, S.C. 1991, c.46, s. 540 *Sales or Trades (Authorized Foreign Banks) Regulations*, S.O.R./2000-52

Deskrizzjoni:

Fergħa ta' bank sellief fir-rigward tan-negozju tagħha fil-Kanada tista' taċċetta biss depożitu jew inkella tissellef flus permezz ta' strument finanzjarju mingħand, jew tiggarantixxi titolu jew taċċetta kambjala maħruġa minn persuna li tinbiegħ lil jew tiġi negozjata ma':

(a) istituzzjoni finanzjarja (għajr bank barrani); jew

(b) bank barrani li:

(i) ikun bank skont il-liġijiet tal-ġurisdizzjoni li skont il-liġijiet tagħha huwa jkun ġie inkorporat jew fi kwalunkwe ġurisdizzjoni li fiha jwettaq in-negozju;

(ii) jipprovdi servizzi finanzjarji u jkollu isem li jinkludi l-kelma “bank,” “banque,” “banking” jew “bancaire”; kif ukoll

(iii) ikun regolat bħala bank jew bħala istituzzjoni li tieħu- d-depożiti skont il-ġurisdizzjoni li taħt il-liġijiet tagħha huwa jkun ġie inkorporat jew fi kwalunkwe ġurisdizzjoni li fiha jwettaq in-negozju;

jekk l-istrument finanzjarju, it-titolu jew il-kambjala sussegwentement ma jkunux jistgħu jinbiegħu jew jiġu negozjati.

Riżerva IIIA-C-4

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Kollha
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	*Trust and Loan Companies Act*, S.C. 1991, c.45 *Bank Act*, S.C. 1991, c.46 *Cooperative Credit Associations Act*, S.C. 1991, c.48 *Insurance Companies Act*, S.C. 1991, c. 47

Deskrizzjoni:

Il-liġijiet federali ma jippermettux li kumpanija fiduċjarja u tas-self, unjoni tal-kreditu jew soċjetà ta' benefiċċju fratern jiġu stabbiliti permezz ta' fergħat ta' korporazzjonijiet organizzati skont il-liġi ta' pajjiż barrani.

Riżerva IIIA-C-5

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Kollha
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Nazzjonali
Miżuri:	*Bank Act*, S.C. 1991, c. 45, ss. 510, 522.16, 524 *Insurance Companies Act*, S.C. 1991, c. 47, ss. 574, 581

Deskrizzjoni:

1. Fergħa ta' bank trid tiġi stabbilita direttament taħt il-bank barrani awtorizzat inkorporat fil-ġurisdizzjoni fejn il-bank barrani awtorizzat prinċipalment iwettaq in-negozju.

2. Entità barranija awtorizzata sabiex tassigura riskji fil-Kanada trid tkun stabbilita direttament taħt il-kumpanija barranija tal-assigurazzjoni inkorporata fil-ġurisdizzjoni fejn il-kumpanija barranija tal-assigurazzjoni, direttament jew permezz ta' sussidjarja, prinċipalment twettaq in-negozju.

Riżervi applikabbli f'Alberta

Riżerva IIIA-PT-1

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Assigurazzjoni diretta u riassigurazzjoni u retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*L-Att dwar l-Assigurazzjoni*, R.S.A. 2000, c. I-13

Deskrizzjoni:

Is-servizzi tal-assigurazzjoni f'Alberta jistgħu jiġu pprovduti biss permezz ta':

(a) korporazzjoni inkorporata skont il-liġijiet ta' Alberta;

(b) korporazzjoni extraprovinċjali -tal-assigurazzjoni, li tkun assiguratur inkorporat minn, jew skont il-liġijiet ta' ġurisdizzjoni Kanadiża oħra;

(c) fergħa awtorizzata- federalment ta' korporazzjoni barranija;

(d) assoċjazzjoni ffurmata fuq il-pjan magħruf bħala Lloyds;

(e) skambji reċiproċi tal-assigurazzjoni;

(f) soċjetajiet fraterni; jew

(g) sensara speċjali.

Riżerva IIIA-PT-2

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Assigurazzjoni diretta u riassigurazzjoni u retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	Trattament Nazzjonali L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*L-Att dwar l-Assigurazzjoni*, R.S.A. 2000, c. I-13

Deskrizzjoni:

Is-sussidjarji ta' korporazzjonijiet barranin tal-assigurazzjoni jridu jkunu awtorizzati -b'mod federali.

Riżerva IIIA-PT-3

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Assigurazzjoni diretta L-intermedjazzjoni ta' kuntratti tal-assigurazzjoni relatati mat-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u l-varar u l-merkanzija fl-ispazju (inklużi s-satelliti), u mar-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*L-Att dwar l-Assigurazzjoni*, R.S.A. 2000, c. I-3

Deskrizzjoni:

1. Huma meħtieġa tariffa ta' 50 fil-mija tal-primjum imħallas, pagabbli lill-provinċja, u notifika regolatorja, fuq l-assigurazzjoni ta' riskji fil-provinċja minn assiguratur mhux illiċenzjat, sakemm tali assigurazzjoni ma ssirx minn sensar speċjali lliċenzjat f'Alberta.

2. Għal ċertezza akbar, sensar speċjali lliċenzjat f'Alberta mhuwiex meħtieġ li jkun residenti f'Alberta u assiguratur illiċenzjat mhuwiex meħtieġ li jkollu preżenza kummerċjali f'Alberta.

Riżerva IIIA-PT-4

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*L-Att dwar il-Korporazzjonijiet tas-Self u Fiduċjarji*, R.S.A. 2000, c. L-20 *Ir-Regolament dwar il-Korporazzjonijiet tas-Self u Fiduċjarji*, Alta. Reg. 171/1992

Deskrizzjoni:

Biex topera bħala kumpanija fiduċjarja u tas-self taħt ir-reġim ta' Alberta, entità trid tkun entità korporattiva li għaliha japplika l-*Att dwar il-Korporazzjonijiet tas-Self u Fiduċjarji*.

Riżerva IIIA-PT-5

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	Trattament Nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*L-Att dwar il-Korporazzjonijiet tas-Self u Fiduċjarji*, R.S.A. 2000, c. L-20 *Ir-Regolament dwar il-Korporazzjonijiet tas-Self u Fiduċjarji*, Alta. Reg. 171/1992

Deskrizzjoni:

Mill-anqas tliet kwarti tad-diretturi ta' kumpanija fiduċjarja u tas-self f'Alberta jridu jkunu normalment residenti fil-Kanada.

Riżerva IIIA-PT-6

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Unjonijiet tal-kreditu, caisses populaires u assoċjazzjonijiet jew gruppi tagħhom
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*L-Att dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu,* R.S.A. 2000, c. C-32 *Credit Union Regulation,* Alta. Reg. 249/1989

Deskrizzjoni:

Unjoni tal-kreditu trid tkun inkorporata f'Alberta.

Riżerva IIIA-PT-7

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Unjonijiet tal-kreditu, caisses populaires u assoċjazzjonijiet jew gruppi tagħhom
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Il-maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*L-Att dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu,* R.S.A. 2000, c. C-32 *Credit Union Regulation,* Alta. Reg. 249/1989

Deskrizzjoni:

Id-diretturi tal-unjonijiet tal-kreditu f'Alberta jridu jkun ċittadini Kanadiżi jew residenti permanenti tal-Kanada u tliet- kwarti jridu jkunu f'kull ħin normalment residenti f'Alberta.

Riżerva IIIA-PT-8

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Servizzi finanzjarji ta' konsulenza u awżiljari
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.A. 2000, c. S-4

Deskrizzjoni:

Fejn konsulent jipprovdi konsulenza f'Alberta, dawn is-servizzi jridu jiġu pprovduti permezz ta' preżenza kummerċjali f'Alberta.

Riżerva IIIA-PT-9

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
	Negozjar f'titoli u f'futuri tal-komoditajiet – persuni
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
	Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.A. 2000, c. S-4, s.75

Deskrizzjoni:

Individwu jew ditta jridu jirreġistraw sabiex jagħmlu negozju permezz ta' negozjanti li ma jkunux residenti jew irreġistrati f'Alberta.

Riżerva IIIA-PT-10

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Servizzi ta' kustodja
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Alberta
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.A. 2000, c. S-4

Deskrizzjoni:

Il-fondi mutwi li joffru titoli fil-Kanada jridu jużaw kustodju residenti. Jista' jintuża sottokustodju- mhux residenti- jekk dan ikollu ekwità azzjonarja ta' mill-anqas CAD$ 100 miljun.

Riżervi applikabbli fil-British Columbia

Riżerva IIIA-PT-11

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self Unjonijiet tal-kreditu, caisses populaires u assoċjazzjonijiet jew gruppi tagħhom Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Assigurazzjoni diretta u riassigurazzjoni u retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – British Columbia
Miżuri:	*L-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji*, R.S.B.C. 1996, c. 141

Deskrizzjoni:

Għall-kumpaniji fiduċjarji, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni u l-unjonijiet tal-kreditu inkorporati- b'mod provinċjali, il-maġġoranza tad-diretturi jridu jkunu normalment residenti fil-Kanada u mill-anqas direttur wieħed irid ikun normalment residenti fil-British Columbia.

Riżerva IIIA-PT-12

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Assigurazzjoni diretta u riassigurazzjoni u retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – British Columbia
Miżuri:	*L-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji*, R.S.B.C. 1996, c. 141, ss.75-76

Deskrizzjoni:

Is-servizzi tal-assigurazzjoni fil-British Columbia jistgħu jiġu pprovduti biss permezz ta':

(a) korporazzjoni inkorporata skont il-liġijiet tal-British Columbia;

(b) korporazzjoni extraprovinċjali -tal-assigurazzjoni, li tkun assiguratur inkorporat minn, jew skont il-liġijiet ta' ġurisdizzjoni Kanadiża oħra;

(c) fergħa awtorizzata- federalment ta' korporazzjoni barranija;

(d) assoċjazzjoni ffurmata fuq il-pjan magħruf bħala Lloyds; jew

(e) skambji reċiproċi tal-assigurazzjoni.

Riżerva IIIA-PT-13

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Assigurazzjoni diretta, riassigurazzjoni u retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – British Columbia
Miżuri:	*L-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji*, R.S.B.C. 996, c. 141, ss. 48 sa 51 fir-rigward ta' kumpaniji fiduċjarji, tal-assigurazzjoni, u azzjonarji

Deskrizzjoni:

Fejn xi persuna tikkontrolla jew tkun se tikkontrolla 10 fil-mija jew aktar tal-voti ta' kumpanija, l-inkorporazzjoni, l-akkwiżizzjoni ta' ishma jew l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tan-negozju jkunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-kummissjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji.

Riżerva IIIA-PT-14

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Riassigurazzjoni u retroċessjoni
Type of Reservation:	L-aċċess għas-suq Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – British Columbia
Miżuri:	*Financial Services Act*, R.S.B.C. 1996, c. 141

Deskrizzjoni:

Is-servizzi jridu jiġu pprovduti permezz ta' preżenza kummerċjali fil-British Columbia.

Riżerva IIIA-PT-15

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Is-servizzi kollha ta' pagament u trasferiment tal-flus – kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – British Columbia
Miżuri:	*L-Att dwar l-Istituzzjonijiet Finanzjarji*, R.S.B.C. 1996, c. 141, ss. 48 sa 51

Deskrizzjoni:

Fejn xi persuna tikkontrolla jew tkun se tikkontrolla 10 fil-mija jew aktar tal-voti ta' kumpanija, l-inkorporazzjoni, l-akkwiżizzjoni ta' ishma jew l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tan-negozju jkunu soġġetti għall-approvazzjoni mill-kummissjoni għall-istituzzjonijiet finanzjarji.

Riżerva IIIA-PT-16

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Negozjar f'titoli u f'futuri tal-komoditajiet – persuni
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – British Columbia
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.B.C. 1996, c. 418

Deskrizzjoni:

Individwu jew ditta jridu jirreġistraw sabiex jagħmlu negozju permezz ta' negozjanti u sensara li la jkunu residenti u lanqas irreġistrati fil-British Columbia.

Riżerva IIIA-PT-17

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Servizzi ta' kustodja
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – British Columbia
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.B.C. 1996, c. 418 *Strument Nazzjonali 81-102 Fondi ta' Investiment*, B.C. Reg. 20/2000, Parti 6

Deskrizzjoni:

Il-fondi mutwi li joffru titoli fil-Kanada jridu jużaw kustodju residenti. Jista' jintuża sottokustodju- mhux residenti- jekk is-subkostodju- jkollu ekwità azzjonarja ta' mill-anqas CAD$ 100 miljun.

Riżervi applikabbli f'Manitoba

Riżerva IIIA-PT-18

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Assigurazzjoni diretta u riassigurazzjoni u retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Insurance Act*, C.C.S.M. c. 140

Deskrizzjoni:

Is-servizzi tal-assigurazzjoni f'Manitoba jistgħu jiġu pprovduti biss permezz ta':

(a) korporazzjoni inkorporata skont il-liġijiet ta' Manitoba;

(b) korporazzjoni extraprovinċjali -tal-assigurazzjoni, li tkun assiguratur inkorporat minn, jew skont il-liġijiet ta' ġurisdizzjoni Kanadiża oħra;

(c) fergħa awtorizzata- federalment ta' korporazzjoni barranija;

(d) assoċjazzjoni ffurmata fuq il-pjan magħruf bħala Lloyds;

(e) skambji reċiproċi tal-assigurazzjoni;

(f) soċjetajiet fraterni; jew

(g) sensara speċjali.

Riżerva IIIA-PT-19

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Corporations Act*, C.C.S.M. c. C225

Deskrizzjoni:

Biex topera bħala kumpanija fiduċjarja u tas-self taħt ir-reġim ta' Manitoba, entità trid tkun entità korporattiva li għaliha tapplika l-PARTI XXIV tal-*Att dwar il-Korporazzjonijiet*.

Riżerva IIIA-PT-20

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Corporations Act*, C.C.S.M. c. C225

Deskrizzjoni:

L-akkwiżizzjoni diretta jew indiretta ta' kumpaniji b'kontroll Kanadiż- minn persuni mhux -residenti hija limitata għal 10 fil-mija individwalment u 25 fil-mija kollettivament.

Riżerva IIIA-PT-21

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Corporations Act*, C.C.S.M. c. C225, s. 346(1) u (2)

Deskrizzjoni:

Azzjonist mhux- residenti ma jistax jivvota, jew jikkawża li jiġu vvutati, l-ishma tiegħu jew tagħha, sakemm il-persuna mhux- residenti ma tkunx l-azzjonist irreġistrat tal-ishma.

Riżerva IIIA-PT-22

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Corporations Act*, C.C.S.M. c. C225, s. 321(6)

Deskrizzjoni:

Maġġoranza tad-diretturi ta' kumpaniji fiduċjarji u tas-self inkorporati b'mod provinċjali jridu jkunu residenti tal-Kanada.

Riżerva IIIA-PT-23

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Unjonijiet tal-kreditu, caisses populaires u assoċjazzjonijiet jew gruppi tagħhom
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Credit Unions and Caisses Populaires Act*, C.C.S.M. c. C301

Deskrizzjoni:

1. Unjoni tal-kreditu jew caisse populaire trid tkun inkorporata f'Manitoba.

2. L-għan ta' unjoni tal-kreditu huwa li tipprovdi servizzi finanzjarji fuq bażi kooperattiva lill-membri tagħha, u biex dawn is-servizzi jkunu mmexxija jew ikkontrollati prinċipalment mir-residenti ta' Manitoba. L-għan ta' caisse populaire huwa li tipprovdi servizzi finanzjarji bil-lingwa Franċiża fuq bażi kooperattiva lill-membri tagħha, u biex dawn is-servizzi jkunu mmexxija jew ikkontrollati minn individwi li jitkellmu bil--Franċiż li jkunu residenti f'Manitoba.

3. “Resident f'Manitoba” huwa definit bħala individwu legalment intitolat li jkun fil-Kanada, ikun għamel id-dar tiegħu jew tagħha f'Manitoba, u jkun fiżikament preżenti f'Manitoba għal mill-anqas sitt xhur fis-sena. Referenza fil-verżjoni Ingliża tal-*Att dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu u l-Caisses Populaires* għal unjoni tal-kreditu tinkludi caisse populaire, u referenza fil-verżjoni Franċiża tal-Att għal caisse populaire tinkludi unjoni tal-kreditu.

Riżerva IIIA-PT-24

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Credit Unions and Caisses Populaires Act*, C.C.S.M. c. C301

Deskrizzjoni:

Direttur ta' unjoni tal-kreditu jew caisse populaire jrid ikun resident tal-Kanada.

Riżerva IIIA-PT-25

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Korporazzjonijiet ta' bonds komunitarji
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Agricultural Societies Act*, C.C.S.M. c. A30

Deskrizzjoni:

Direttur ta' korporazzjoni ta' bonds komunitarji jrid ikun resident ta' Manitoba.

Riżerva IIIA-PT-26

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Negozjar f'titoli u f'futuri tal-komoditajiet – persuni
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Securities Act*, C.C.S.M. c. S50

Deskrizzjoni:

Individwu jew ditta jridu jirreġistraw sabiex jagħmlu negozju permezz ta' negozjanti u sensara li ma jkunux residenti jew irreġistrati f'Manitoba.

Riżerva IIIA-PT-27

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Negozjar f'titoli u f'futuri tal-komoditajiet u f'servizzi finanzjarji ta' konsulenza u awżiljari – negozjanti, sensara, konsulenti
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Securities Act*, C.C.S.M. c. S50

Deskrizzjoni:

1. Fejn l-applikant ikun korporazzjoni, mill-anqas uffiċjal jew direttur wieħed irid jissodisfa l-"kwalifika tar-residenza abitwali", u fejn l-applikant ikun sħubija, mill-anqas imsieħeb jew membru wieħed li jkun individwu jrid jissodisfa l-"kwalifika tar-residenza abitwali".

2. Il-"kwalifika tar-residenza abitwali" titlob li l-applikant ikun residenti f'Manitoba fid-data tal-applikazzjoni u li kien residenti fil-Kanada għal mill-anqas sena immedjatament qabel id-data tal-applikazzjoni, jew li kien irreġistrat skont il-liġijiet dwar it-titoli ta' ġurisdizzjoni Kanadiża oħra fejn għex l-aħħar l-applikant jew li kien irreġistrat hekk għal mill-anqas sena immedjatament qabel id-data tal-applikazzjoni.

Riżerva IIIA-PT-28

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Negozjar għall-kont proprju u għall-kont ta' klijenti: servizzi ta' kustodja; negozjar f'titoli u f'futuri tal-komoditajiet – persuni; negozjanti u sensara ta' titoli; negozjar f'titoli u f'futuri tal-komoditajiet; servizzi finanzjarji ta' konsulenza u awżiljari; negozjanti, sensara, konsulenti
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Securities Act*, C.C.S.M. c. S50

Deskrizzjoni:

Applikant individwali għar-reġistrazzjoni jrid ikun resident tal-Kanada għal perjodu ta' mill-anqas sena qabel l-applikazzjoni u resident tal-provinċja li fiha jkun jixtieq jopera fid-data tal-applikazzjoni.

Riżerva IIIA-PT-29

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Servizzi ta' kustodja
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Manitoba
Miżuri:	*The Securities Act*, C.C.S.M. c. S50

Deskrizzjoni:

Il-fondi mutwi li joffru titoli fil-Kanada jridu jużaw kustodju residenti. Jista' jintuża sottokustodju- mhux residenti- jekk dan ikollu ekwità azzjonarja ta' mill-anqas CAD$ 100 miljun.

Riżervi applikabbli fi New Brunswick

Riżerva IIIA-PT-30

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Assigurazzjoni diretta u riassigurazzjoni u retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – New Brunswick
Miżuri:	*L-Att dwar l-Assigurazzjoni*, R.S.N.B. 1973, c. I-12

Deskrizzjoni:

Is-servizzi tal-assigurazzjoni fi New Brunswick jistgħu jiġu pprovduti biss permezz ta':

(a) korporazzjoni inkorporata skont il-liġijiet ta' New Brunswick;

(b) korporazzjoni extraprovinċjali -tal-assigurazzjoni, li tkun assiguratur inkorporat minn, jew skont il-liġijiet ta' ġurisdizzjoni Kanadiża oħra;

(c) fergħa awtorizzata- federalment ta' korporazzjoni barranija;

(d) assoċjazzjoni ffurmata fuq il-pjan magħruf bħala Lloyds; jew

(e) skambji reċiproċi tal-assigurazzjoni.

Riżerva IIIA-PT-31

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – New Brunswick
Miżuri:	*L-Att dwar il-Kumpaniji tas-Self u Fiduċjarji*, S.N.B. 1987, c. L-11.2

Deskrizzjoni:

Biex topera bħala kumpanija fiduċjarja u tas-self taħt ir-reġim ta' New Brunswick, entità trid tkun entità korporattiva li għaliha japplika l-*Att dwar il-Korporazzjonijiet tas-Self u Fiduċjarji*.

Riżerva IIIA-PT-32

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – New Brunswick
Miżuri:	*L-Att dwar il-Kumpaniji tas-Self u Fiduċjarji*, S.N.B. 1987, c. L-11.2

Deskrizzjoni:

Mill-anqas tnejn mid-diretturi ta' kumpaniji fiduċjarja u tas-self iridu jkunu residenti fi New Brunswick.

Riżerva IIIA-PT-33

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – New Brunswick
Miżuri:	*L-Att dwar il-Kumpaniji tas-Self u Fiduċjarji*, S.N.B. 1987, c. L-11.2

Deskrizzjoni:

L-inkorporazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta' kumpanija fiduċjarja u tas-self fi New Brunswick tiġi rifjutata sakemm l-awtoritajiet ma jkunux sodisfatti li jeżisti benefiċċju u vantaġġ pubbliku għal korporazzjoni addizzjonali.

Riżerva IIIA-PT-34

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Negozjar f'titoli u f'futuri tal-komoditajiet – persuni
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – New Brunswick
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, S.N.B. 2004, c. S-5.5

Deskrizzjoni:

Individwu jew ditta huma meħtieġa li jirreġistraw sabiex jagħmlu negozju permezz ta' negozjanti u sensara li ma jkunux residenti jew irreġistrati fi New Brunswick.

Riżerva IIIA-PT-35

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Unjonijiet tal-kreditu, caisses populaires u assoċjazzjonijiet jew gruppi tagħhom
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – New Brunswick
Miżuri:	*Credit Unions Act*, S.N.B.1994, c. C-32.

Deskrizzjoni:

Unjoni tal-kreditu trid tkun inkorporata fi New Brunswick.

Riżerva IIIA-PT-36

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Korporazzjonijiet ta' bonds komunitarji
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – New Brunswick
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, S.N.B. 2004, c. S-5.5

Deskrizzjoni:

Direttur ta' korporazzjoni ta' Bonds Komunitarji jrid ikun resident ta' New Brunswick.

Riżerva IIIA-PT-37

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Servizzi ta' kustodja
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – New Brunswick
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, S.N.B. 2004, c. S-5.5

Deskrizzjoni:

Il-fondi mutwi li joffru titoli fil-Kanada jridu jużaw kustodju residenti. Jista' jintuża sottokustodju- mhux residenti- jekk dan ikollu ekwità azzjonarja ta' mill-anqas CAD$ 100 miljun.

Riżervi applikabbli fi Newfoundland u Labrador

Riżerva IIIA-PT-38

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Assigurazzjoni diretta u riassigurazzjoni u retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*L-Att dwar l-Aġġustaturi, l-Aġenti u s-Sensara tal-Assigurazzjoni*, R.S.N.L. 1990, c. I-9

Deskrizzjoni:

Is-servizzi tal-assigurazzjoni fi Newfoundland u Labrador jistgħu jiġu pprovduti biss permezz ta':

(a) korporazzjoni inkorporata skont il-liġijiet ta' Newfoundland u Labrador;

(b) korporazzjoni extraprovinċjali -tal-assigurazzjoni, li tkun assiguratur inkorporat minn, jew skont il-liġijiet ta' ġurisdizzjoni Kanadiża oħra;

(c) fergħa awtorizzata- federalment ta' korporazzjoni barranija;

(d) assoċjazzjoni ffurmata fuq il-pjan magħruf bħala Lloyds;

(e) skambji reċiproċi tal-assigurazzjoni;

(f) soċjetajiet fraterni;

(g) sensara speċjali;

(h) soċjetajiet sororali; jew

(i) soċjetajiet ta' benefiċċji reċiproċi.

Riżerva IIIA-PT-39

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Riassigurazzjoni u retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*L-Att dwar il-Kumpaniji tal-Assigurazzjoni*, R.S.N.L. 1990, c. I-10

Deskrizzjoni:

Ix-xiri ta' servizzi ta' riassigurazzjoni minn assiguratur, għajr assiguratur jew riassiguratur tal-ħajja, minn riassiguratur mhux- residenti, huwa limitat għal mhux aktar minn 25 fil-mija tar-riskji meħuda mill-assiguratur li jixtri r-riassigurazzjoni.

Riżerva IIIA-PT-40

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*L-Att dwar il-Korporazzjonijiet*, R.S.N.L. 1990, C-36 *Trust and Loan Corporations Act*, S.N.L. 2007, c. T-9.1

Deskrizzjoni:

Biex topera bħala kumpanija fiduċjarja u tas-self taħt ir-reġim ta' Newfoundland u Labrador, entità trid tkun entità korporattiva li għaliha japplika l-*Att dwar il-Korporazzjonijiet Fiduċjarji u tas-Self*.

Riżerva IIIA-PT-41

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Unjonijiet tal-kreditu, caisses populaires u assoċjazzjonijiet jew gruppi tagħhom
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*L-Att dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu 2009*, S.N.L. 2009, c. C-37.2

Deskrizzjoni:

Unjoni tal-kreditu trid tkun inkorporata fi Newfoundland u Labrador.

Riżerva IIIA-PT-42

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Negozjar f'titoli
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.N.L. 1990, c. S-13

Deskrizzjoni:

F'ċerti ċirkustanzi ristretti, is-Supretendent tat-Titoli jista' jirrifjuta r-reġistrazzjoni:

(a) lil individwu, jew

(b) lil persuna jew kumpanija,

jekk l-individwu, jew kwalunkwe direttur jew uffiċjal tal-persuna jew kumpanija, ma kienx resident tal-Kanada għal mill-anqas sena immedjatament qabel id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

Riżerva IIIA-PT-43

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Negozjar f'titoli u f'futuri tal-komoditajiet – persuni
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.N.L. 1990, c. S-13

Deskrizzjoni:

Individwu jew ditta jridu jirreġistraw sabiex jagħmlu negozju permezz ta' negozjanti u sensara li ma jkunux residenti jew irreġistrati fi Newfoundland u Labrador.

Riżerva IIIA-PT-44

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Servizzi ta' kustodja
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Newfoundland u Labrador
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.N.L. 1990, c. S-13

Deskrizzjoni:

Il-fondi mutwi li joffru titoli fil-Kanada jridu jużaw kustodju residenti. Jista' jintuża sottokustodju- mhux residenti- jekk dan ikollu ekwità azzjonarja ta' mill-anqas CAD$100 miljun.

Riżervi applikabbli fit-Territorji tal-Majjistral

Riżerva IIIA-PT-45

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Assigurazzjoni diretta u riassigurazzjoni u retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Territorji tal-Majjistral
Miżuri:	*L-Att dwar l-Assigurazzjoni*, R.S.N.W.T. 1988, c. I-4

Deskrizzjoni:

Is-servizzi tal-assigurazzjoni fit-Territorji tal-Majjistral jistgħu jiġu pprovduti biss permezz ta':

(a) korporazzjoni inkorporata skont il-liġijiet tat-Territorji tal-Majjistral;

(b) korporazzjoni extraprovinċjali -tal-assigurazzjoni, li tkun assiguratur inkorporat minn, jew skont il-liġijiet ta' ġurisdizzjoni Kanadiża oħra;

(c) fergħa awtorizzata- federalment ta' korporazzjoni barranija;

(d) assoċjazzjoni ffurmata fuq il-pjan magħruf bħala Lloyds;

(e) skambji reċiproċi tal-assigurazzjoni; jew

(f) soċjetajiet fraterni.

Riżerva IIIA-PT-46

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Territorji tal-Majjistral
Miżuri:	*L-Att dwar il-Korporazzjonijiet tan-Negozju*, S.N.W.T. (Nu) 1996, c. 19

Deskrizzjoni:

Hija meħtieġa l-inkorporazzjoni federali jew provinċjali ta' kumpanija fiduċjarja u tas-self fit-Territorji tal-Majjistral.

Riżerva IIIA-PT-47

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Unjonijiet tal-kreditu, caisses populaires u assoċjazzjonijiet jew gruppi tagħhom
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Territorji tal-Majjistral
Miżuri:	*L-Att dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu*, R.S.N.W.T. (Nu) 1988, c. C-23

Deskrizzjoni:

Unjoni tal-kreditu trid tkun inkorporata fit-Territorji tal-Majjistral.

Riżerva IIIA-PT-48

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Negozjar f'titoli u f'futuri tal-komoditajiet – persuni
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Territorji tal-Majjistral
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.N.W.T. (Nu) 1988, c. S-5

Deskrizzjoni:

Individwu jew ditta jridu jirreġistraw sabiex jagħmlu negozju permezz ta' negozjanti u sensara li ma jkunux residenti jew irreġistrati fit-Territorji tal-Majjistral.

Riżerva IIIA-PT-49

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Servizzi ta' kustodja
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Territorji tal-Majjistral
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, S.N.W.T. 2008, c. 10

Deskrizzjoni:

Il-fondi mutwi li joffru titoli fil-Kanada jridu jużaw kustodju residenti. Jista' jintuża sottokustodju- mhux residenti- jekk dan ikollu ekwità azzjonarja ta' mill-anqas CAD$ 100 miljun.

Riżervi applikabbli f'Nova Scotia

Riżerva IIIA-PT-50

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Assigurazzjoni diretta u riassigurazzjoni u retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar l-Assigurazzjoni*, R.S.N.S. 1989, c. 231 *Regolamenti dwar il-Liċenzjar tal-Assiguraturi*, N.S. Ir-Reg. 142/90 jew kwalunkwe miżura sussidjarja oħra magħmula fir-rigward tiegħu

Deskrizzjoni:

Is-servizzi tal-assigurazzjoni f'Nova Scotia jistgħu jiġu pprovduti biss permezz ta':

(a) korporazzjoni inkorporata skont il-liġijiet ta' Nova Scotia;

(b) korporazzjoni extraprovinċjali -tal-assigurazzjoni, li tkun assiguratur inkorporat minn, jew skont il-liġijiet ta' ġurisdizzjoni Kanadiża oħra;

(c) fergħa awtorizzata- federalment ta' korporazzjoni barranija;

(d) assoċjazzjoni ffurmata fuq il-pjan magħruf bħala Lloyds;

(e) skambji reċiproċi tal-assigurazzjoni;

(f) soċjetajiet fraterni;

(g) sensara speċjali;

(h) soċjetajiet sororali; jew

(i) soċjetajiet ta' benefiċċji reċiproċi.

Riżerva IIIA-PT-51

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni L-intermedjazzjoni ta' kuntratti tal-assigurazzjoni relatati mat-trasport marittimu u l-avjazzjoni kummerċjali u l-varar u l-merkanzija fl-ispazju (inklużi s-satelliti), u mar-riassigurazzjoni u r-retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar l-Assigurazzjoni*, R.S.N.S. 1989, c. 231

Deskrizzjoni:

Is-servizzi jridu jiġu pprovduti permezz ta' preżenza kummerċjali f'Nova Scotia.

Riżerva IIIA-PT-52

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar il-Kumpaniji Fiduċjarji u tas-Self*, S.N.S. 1991, c. 7 u kwalunkwe miżura sussidjarja magħmula fir-rigward tiegħu

Deskrizzjoni:

L-inkorporazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta' kumpanija fiduċjarja u tas-self f'Nova Scotia tiġi rifjutata sakemm l-awtoritajiet ma jkunux sodisfatti li jeżisti benefiċċju u vantaġġ pubbliku għal korporazzjoni addizzjonali.

Riżerva IIIA-PT-53

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar il-Kumpaniji Fiduċjarji u tas-Self*, S.N.S. 1991, c. 7 u kwalunkwe miżura sussidjarja magħmula fir-rigward tiegħu

Deskrizzjoni:

Mill-anqas tnejn mid-diretturi ta' kumpanija provinċjali jridu jkunu normalment residenti f'Nova Scotia u maġġoranza tad-diretturi jridu jkunu normalment residenti fil-Kanada.

Riżerva IIIA-PT-54

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Kumpaniji fiduċjarji u tas-self
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar il-Kumpaniji Fiduċjarji u tas-Self*, S.N.S. 1991, c. 7

Deskrizzjoni:

Biex topera bħala kumpanija fiduċjarja u tas-self taħt ir-reġim ta' Nova Scotia, entità trid tkun entità korporattiva li għaliha japplika l-*Att dwar il-Kumpaniji Fiduċjarji u tas-Self*.

Riżerva IIIA-PT-55

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Unjonijiet tal-kreditu
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Il-maniġment superjuri u l-bordijiet tad-diretturi
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu*, R.S.N.S. 1994, c. 4

Deskrizzjoni:

Direttur ta' unjoni tal-kreditu f'Nova Scotia jrid ikun ċittadin Kanadiż.

Riżerva IIIA-PT-56

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Unjonijiet tal-kreditu, caisses populaires u assoċjazzjonijiet jew gruppi tagħhom
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar l-Unjonijiet tal-Kreditu*, R.S.N.S. 1994, c. 4

Deskrizzjoni:

Unjoni tal-kreditu trid tkun inkorporata f'Nova Scotia.

Riżerva IIIA-PT-57

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi ta' ipoteki residenzjali
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tas-Sensara u l-Mutwanti Ipotekarji*, R.S.N.S. 1989, c. 291 u kwalunkwe miżura sussidjarja magħmula fir-rigward tiegħu

Deskrizzjoni:

Sensar ipotekarju jrid ikun inkorporat skont il-liġijiet tal-Kanada jew Nova Scotia.

Riżerva IIIA-PT-58

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi ta' ipoteki residenzjali
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar ir-Reġistrazzjoni tas-Sensara u l-Mutwanti Ipotekarji*, R.S.N.S. 1989, c. 291 u kwalunkwe miżura sussidjarja magħmula fir-rigward tiegħu

Deskrizzjoni:

Sensar ipotekarju jrid ikun resident ta' Nova Scotia.

Riżerva IIIA-PT-59

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Negozjar f'titoli
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.N.S. 1989, c. 418

Deskrizzjoni:

F'ċerti ċirkustanzi ristretti, is-Supretendent tat-Titoli jista' jirrifjuta r-reġistrazzjoni f'Nova Scotia:

(a) lil individwu, jew

(b) lil persuna jew kumpanija,

jekk l-individwu, jew kwalunkwe direttur jew uffiċjal tal-persuna jew kumpanija, ma kienx resident tal-Kanada għal mill-anqas sena immedjatament qabel id-data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

Riżerva IIIA-PT-60

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni)
	Servizzi finanzjarji ta' konsulenza u awżiljari u ġestjoni tal-assi
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali
	Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.N.S. 1989, c. 418

Deskrizzjoni:

L-istabbiliment irid ikun immaniġġat minn resident ta' Nova Scotia.

Riżerva IIIA-PT-61

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Servizzi finanzjarji ta' konsulenza u awżiljari
Tip ta' Riżerva:	Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.N.S. 1989, c. 418

Deskrizzjoni:

Fejn konsulent jipprovdi konsulenza f'Nova Scotia, dawn is-servizzi jridu jiġu pprovduti permezz ta' preżenza kummerċjali f'Nova Scotia.

Riżerva IIIA-PT-62

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Servizzi bankarji u servizzi finanzjarji oħra (minbarra l-assigurazzjoni) Servizzi ta' kustodja
Tip ta' Riżerva:	Trattament nazzjonali Forniment transfruntier- ta' servizzi finanzjarji
Livell ta' Gvern:	Provinċjali – Nova Scotia
Miżuri:	*L-Att dwar it-Titoli*, R.S.N.S. 1989, c. 418

Deskrizzjoni:

Il-fondi mutwi li joffru titoli fil-Kanada jridu jużaw kustodju residenti. Jista' jintuża sottokustodju- mhux residenti- jekk dan ikollu ekwità azzjonarja ta' mill-anqas CAD$ 100 miljun.

Riżervi applikabbli f'Nunavut

Riżerva IIIA-PT-63

Settur:	Servizzi finanzjarji
Sottosettur:	Assigurazzjoni u servizzi relatati mal-assigurazzjoni Assigurazzjoni diretta u riassigurazzjoni u retroċessjoni
Tip ta' Riżerva:	L-aċċess għas-suq
Livell ta' Gvern:	Territorjali – Nunavut
Miżuri:	*L-Att dwar l-Assigurazzjoni*, R.S.A. 2000, c. I-3

Deskrizzjoni:

Is-servizzi tal-assigurazzjoni f'Nunavut jistgħu jiġu pprovduti biss permezz ta':

(a) korporazzjoni inkorporata skont il-liġijiet ta' Nunavut;

